MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Mandat Numru. 1821/2014/1

**Rev. Michael Agius, John Grech, Rose Attard,**

**Emmanuel Cumbo, Caroline Cumbo, Barry Lightening,**

**Veronica A. Lightening, George Grima, Carmen Farrugia,**

**Brian Sammut, Graham Annati,Graziella Muscat, Michael Macelli,**

**Romina Sammut, Ray Borg, Margaret Mangion, Mangiacasale Fabio,**

**Alan Camilleri, Victor Catania, Mary Cutajar, Anna Grech Angileri,**

**Emanuel Small, Fiona Frendo, Michael Spiteri, Ali Ahmed**

**vs**

**Awtorita Dwar it-Trasport f'Malta, Kosta Joint Venture,**

**Polidano Bros Ltd u Kunsill Lokali tan-Naxxar**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni tal-14 ta’ Novembru 2014 kontra l-intimati li gie milqugh provizorjament fl-14 ta’ Novembru 2014;

Rat ir-risposta tal-Awtorita Dwar it-Trasport, u Polidano Bors u ohrajn li flimkien joperaw taht l-isem Kosta Joint Venture;

Il-Kunsill Lokali ma irrispondiex;

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Premess li l-ghan ta’ talba ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista tkun ta’ hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta’ mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta’ hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta’ mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

It-talba tar-rikorrenti hi sabiex ma jitkomplewx ix-xogholijiet ta’ twessigh tal-coast road f’dik il-parti li tmiss ma’ Triq Ximenes ghaliex gew infurmati mill-Kunsill Lokali illi Triq Ximenes li isservi ta’ access ghad-djar u garages taghhom f’Salina hamlet ser tidjieq b’mod li ser issir one lane u l-access ser isir minn triq ohra. B’hekk l-acces ghal hamlet ser jinghalaq u r-residenti ma jkunux jistghu johorgu bil-vetturi mil-garages taghhom. In oltre hemm parking bays riservati ghal nies bi bzonijiet specjali li ser jitnehhielhom u ma jkunux jistghu jipparkeggjaw aktar fil-vicin tad-dar taghhom. Dan l-izvilupp hu ta’ natura permanenti u b’hekk ser isir zvalutar tal-proprjeta bi pregudizzju irrimedjabbli.

Il-Qorti ikkunisrat ix-xiehda ta’ Simon Grima li hu chief officer tad-Direttorat tat-Toroq u l-Infrastruttura fi hdan l-Awtorita Dwar it-Trasport f’Malta li ikkonferma li qed isir progett ta’ twessigh tal-coast road u parti mit-twessigh jinnecessita li jitnehha l-access ezistenti minn rampi ezistenti fl-istess coast road li kien jaghti access dirett ghal hamlet in kwistjoni u dan ghas-sigurta u biex jigu osservati standards ta’ toroq u traffic management internazzjonali. Hu spjega pero illi hemm permess mahrug mill-MEPA fuq it-twessiegh pero rigward l-access permanenti li ghad irid isir hemm zewg proposti, klassifikati fir-reserved matters fil-hrug tal-permess, fejn ghad irid jigi deciz mill-MEPA liema hi aktar idoneja ghal hamlet. Din mhix kwistjoni li tiddependi mill-Awtorita izda mill-MEPA.

Ghal dak li jirrigwarda l-Awtorita x-xhud ikkonferma bil-gurament illi hemm access temporanju ghar-residenti li kemm jista jkun jaghti l-inqas inkonvenjent lir-residenti u qed isiru arrangamenti biex isiru parking bays kemm jista’ jkun fil-vicin tar-residenzi biex id-disagju jittaffa sakemm isir l-access permanenti. Qal ukoll illi t-triq qua access kif ukoll Triq Ximenes ser ikunu accessibbli bla xkiel u maghmula fi stat agevoli ghat-traffiku. Ma hemm ebda impediment ghar-residenzi u garages u hi l-intenzjoni tal-Awtorita li darba li jinhareg il-permess ghall-access permanenti dan ghandu jkun ahjar u aktar sikur milli hemm prezenti.

Il-Qorti tikkunsidra dan il-progett bhala wiehed ta’ utilita pubblika fl-interess generali tas-socjeta. Hi konsapevoli wkoll illi drittijiet individwali ma ghandhomx b’daqshekk jigu skartati, ghalkemm fl-interess pubbliku l-individwu kultant ikun kostrett jaccetta u jissaporti certu element ta’ inkonvenjent necessitat biex xogholijiet intraprizi

Ix-xhieda tar-rapprezentant tal-Awtorita fl-ebda hin ma tefghet dubju illi xi dritt ta’ proprjeta tar-rikorrenti qed jigi mittifes u anqas dritt necessarju ta’ access ghal residenzi u garages taghhom. Dan hu d-dritt li r-rikorrenti ghandhom jedd jikkawtelaw. Zgur li ma jistghux jippretendu jedd fuq accessi u formazzjoni ta’ toroq godda li fuqhom ma ghandhom ebda dritt. Id-dritt taghhom hu biss li jigu salvagwardati d-drittijiet ta’ access b’toroq permanenti kif kellhom pero mhux necessarjament bl-istess forma ta’ qabel, kif ukoll access adegwat u komdu kif jispetta lil individwu li ghandu proprjeta fi triq formata u uzata regolarment. Dan ifisser ukoll illi l-access ma ghandux jigi b’xi mod impedut anki waqt ix-xogholijiet ghalkemm fil-fazi ta’ access temporanju sakemm jigi kompletat ix-xoghol permanenti, l-Awtorita trid tassikura li jigi krejat l-inqas inkonvenjent possibbli. Il-Qorti hi konvinta mix-xiehda moghtija b’gurament min ufficjal gholi tal-Awtorita illi fil-limiti tal-possibbli l-access ghal proprjetajiet ser jibqa’ miftuh bla interruzzjoni u parking spaces inkluz dawk ghad-disabled (ghalkemm dawn mhux strettament jikkostitwixxu dritt ghal individwu) ser jinghataw fil-vicinanzi.

Din ix-xhieda ghalhekk tpoggi f’dubju serju l-ewwel element li r-rikorrenti jridu jippruvaw cioe dritt pretiz li qed jigi lez jew ser jigi lez lilhom. Ma ngiebet ebda prova minnhom li tikkontradixxi dak li qal ix-xhud tal-Awtorita, almenu sal-mument li qed tinghata din id-decizjoni. Il-hrug tal-mandat jiddependi minn dak li jirrizulta mad-daqqa ta’ ghajn u l-Qorti mhix konvinta li qed jigi lez xi dritt prima facie ta’ proprjeta tar-rikorrenti jew dritt ta’ access mehud f’sens wiesgha ghall-istess proprjetajiet kemm b’mod temporanju jew permanenti.

**Decide**

Ghalhekk din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrenti ghal hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni, tirrevoka d-digriet provizjorju taghha tal-14 ta’ Novembru 2014, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------